# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

## Laqgħa Nru. 18

Il-Ħamis 29 t'Ottubru 2020

Il-Kunsill Lokali Ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Dr Daniel Attard | - Sindku |
| | Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| | Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| | Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| | Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku Dr Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 18.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji;

**18.1.01** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 18.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-17

**18.2.01** Il-minuti tal-Laqgħa Numru 17 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 18.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**18.3.01** Ċir AKL 2020/121 – *President's Fun Walk* 2020 nhar il-Ħadd 6 ta' Diċembru. Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx ma din l-attivita' għaliex mhux żmien li tlaqqa n-nies ma xulxin. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill xorta jista jbiegħ it-*t-shirts* u maskli li kienu ser jingħataw lill-parteċipanti bil-ħlas ta' reġistrazzjoni u b'hekk min irid jagħti donazzjoni jista.

**18.3.02** Emejl mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar Milied Solidali – Serati ta' *Carol Singing* fil-Lokalità. Il-kor tal-Għasri huwa kompost minn anzjani li wieħed minnhom huwa kunsillier. Il-Kunsillier, Salvatore Felice Pace qal li dan il-kor mhux ħa jieħu sehem f'din l-inizjattiva. Ġie ssuġġerit li l-Kunsill jitlob lill-iskola Laura Vicuna biex jieħu sehem f'din l-inizjattiva.

**18.3.03** Emejl mingħand ir-Reġjun Għawdex dwar Milied Solidali – Għoti t'ikla tal-Milied għall-persuni partikulari fil-lokalità. Il-Kunsill Lokali tal-Għasri ser jieħu sehem f'din l-attivitá. Fis-sena 2019 din kienet saret direttament mill-Kunsill fiċ-Ċentru Parrokkjali u fid-djar ta' dawk li huma *homebound*. Il-Kunsill ser jiġbor il-lista ta' persuni li ser tiġi ppreżentata lir-Reġjun Għawdex.

**18.3.04** Ċir AKL 2020/113 Sezzjoni Informattiva – Poloz tal-Assigurazzjoni u Saħħa u Sigurta' fuq il-Post tax-Xogħol. Din is-sezzjoni kienet disponibbli għall-kunsilliera kollha.

**18.3.05** Korrispondenza mingħand id-Direttur – Monitoring and Support DLG dwar laqgħat tal-Kunsill. Laqgħat tal-Kunsill għandhom isiru fl-uffiċċju tal-Kunsill anke f'dan iż-żmien tal-pandemija.

**18.3.06** AKL 2020/078 Kontroll fuq il-ħamiem selvaġġ. Il-Kunsilli ġew innotifikati li l-AKL ser jingħataw €200,000 għas-sena d-dieħla biex jibdew jikkontrollaw il-ħamiem selvaġġ. Il-Kunsill tal-Għasri diġa talab biex ikun inkluz f'dan il-programm.

**18.3.07** Il-Kunsill ġie mitlub li jagħti pjan ta' kontinġenza – COVID-19. Dan sar.

**18.3.08** Emejl mingħand il-Monitoring and Support DLG dwar approvazzjoni ta' "vacation leave" mis-sena 2020 għas-sena 2021 tas-Segretarju Eżekuttiv. It-talba ġiet milqugħa.

**18.3.9** Emejl mingħand ir-Regjun Għawdex dwar *Bye Law* ippreżentat mill-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz. Il-Kunsill qabel ma din il-*Bye Law* iżda ser jissuġġerixxa li jkun hemm ħin stipulat tas-7:00 ta' filgħodu biex ma jkunx hemm xogħol ta' kostruzzjoni jew bejjiegħa li jdoqqu l-*horns* qabel dan il-ħin.

**18.3.10** Emejl mingħand Transport Malta dwar sinjali sofor fi Trejqet il-Farfett. Dawn is-sinjali saru.

**18.3.11** Emejl mingħand Transport Malta dwar sinjali sofor fi Triq ta' Għammar. Il-Kunsill ma rax il-bżonn li jsiru sinjali sofor matul it-triq iżda qabel li jsiru sinjali sofor żgħar maġenb il-garaxx tas-sid li qed jitlob is-sinjali.

**18.3.12** Il-librara tal-Kunsill talbet għall-fondi biex jinxtraw kotba ġodda għall-librerija. Il-Kunsilliera qablu li jkun hemm baġit ta' €100 għal dan il-għan.

**18.3.13** Ċirkulari Numru SPI/4/20 – Informazzjoni dwar l-Integrazzjoni u Rijabilitazzjoni ta' Tfal li rritornaw mill-Istat Iżlamiku.

**18.3.14** Ċirkulari Numru SPI/SCI/5//2020 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern.

**18.3.15** Ċirkulari Numru SPI/SCI/6/2020 Finanzjament għall-Kreajazzjoini ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Ibliet u l-Irħula f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill jista japplika għal dawn il-fondi, iżda l-perit għadu ma ppreżentax l-applikazzjoni tal-Kunsill lill-Awtorita.
.

**18.3.16** Rapport mill-*Contracts Manager* mit-3 t'Awwissu sas-27 ta' Settembru.

**18.3.17** Emejl mingħand id-Direttur ta' Eco Gozo dwar finanzjament ta' skema għall-Outdoor Gym. Fl-Għasri m'għandniex post għal dan l-apparat.

**18.3.18** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu kellu laqgħa mal-Ministru Anton Refalo, mad-Direttur Ġenerali tal-Kunsilli Lokali u mas-Segretarju Permanenti dwar il-kwistjoni tat-talba mingħand l-ARPA biex il-Kunsill Lokali tal-Għasri jirrifondi kważi €60,000 mill-fondi tal-Miżura 4.3.

## 18.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**18.4.01** Il-Kunsillier Sammy Saliba informa lill-Kunsill li rċieva talba biex Wied is-Seqer isir bil-konkos. Is-Segretarja nformatu li din it-talba waslet il-Kunsill u l-Kunsill għamel talba lill-Miniseru għal Għawdex peress li din taqta taħt ir-responsibbilta' tagħhom.

Sammy Saliba qal li l-kanal ta' l-ilma fi Triq ta' Għammar huwa miżdud.

**18.4.02** Il-Kunsilliera Liza Mintoff talbet bankina fi Triq Salvu Gambin. Din ukoll waslet għand il-Kunsill u l-Kunsill applika biex issir bankina.

**18.4.03** Il-Viċi Sindku Emanuel Mintoff semma l-proġett tal-*Green Walls*. Hu ssuġġerixxa li jekk hemm fondi l-Kunsill jista juża dawn il-fondi għall-entratura tal-Għasri. Inġibdet l-attenzjoni li l-ħitan qegħdin fi stat ħażin u jridu jinbnew.

**18.4.04** Emanuel Mintoff semma wkoll il-bżonn ta' kanal tal-ilma fi Triq ta' Għammar. Din it-triq għadha b'kisja tarmak waħda u jekk ikun hemm fondi għandu jsir il-kanal mat-tieni kisja.

**18.4.05** Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace informa lill-Kunsill li l-attivita tal-Awturi Lokali ser issir nhar il-Ġimgħa 4 ta'Diċembru fil-Knisja tal-Għasri. Din ser tiġi ffilmjata minn Alvin Scicluna biex tintwera fuq Għawdex Illum.

## 18.5 Approvazzjoni tat-tielet rapport ta' kull kwart: Lulju-Settembru 2020.

**18.5.01** Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-Kunsilliera kienu diġa rawh. Ma kienx hemm domandi dwaru. Il-Kunsill iddiskuta u approva unanimament dan ir-rapport.

## 18.6 Talbiet għal sinjali sofor fi Triq il-Knisja;

**18.6.01** Il-Kunsill ġie nformat permezz ta' kopji ta' emejls mingħand residenti ta' Triq il-Knisja dwar kwistjoni ta' sinjali sofor fit-triq. Hemm xi residenti ta' Levecca Village li jridu jagħmlu sinjali sofor quddiem l-entratura tar-rampa tagħhom filwaqt li residenti oħrajn mhux jaqblu. Il-Kunsill iddecieda li jagħmel laqgħa mal-partijiet interessati dwar din il-kwistjoni. Minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID 19 persuna waħda għandha tiġi minn kull parti (jiġifieri wieħed/waħda mir-residenti tal-Levecca Village u persuna minn kull propjeta in kwistjoni.

## 18.7 *Resurfacing* ta' Trejqet Ġesu Nazzareno;

**18.7.01** Il-Kunsill talab stima ta' xogħol ta' *resurfacing* (*patching* ta' *area* kbira) fi Trejqet Ġesu' Nazzareno. Din l-istma għada ma waslitx il-Kunsill.

## 18. 8 Tindif ta' *dumping*;

**18.8.01** Il-Kunsill ġie nformat dwar ammont kbir ta' rimi ta' skart u materjal ta' kostruzzjon fl-inħawi ta' Wied l-Għasri, partikularment fi Triq li tagħi għat-tieqa ta' Wied il-Mielaħ. Numru ta' voluntiera nformaw lill-Kunsill li huma lesti biex jgħinu fit-tindif. Għalhekk il-Kunsill ser jorganizza tindif ta' din iż-żona nhar il-

Ġimgħa 30 t'Ottubru. Il-Kunsill ser jinkariga l-kuntrattur tal-Kunsill biex iġib trakk u JCB biex jinġabar l-iskart. Il-Kunsill ser jipprovdi ngwanti, maskli, *sanitizer* u *snacks* għall-parteċipanti.

## 18.9 Titjib fil-kamra tal-laqgħat (*board room*);

**18.9.01** Il-Kunsilliera qablu li kamra tal-laqgħat preżenti tinbidel għall-kamra l-kbira li tinsab fil-Kunsill sabiex ikun hemm aktar spazju u l-kunsilliera jkunu jistgħu jwettqu *s-social distancing* waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Għal dan il-għan kien hemm bżonn li jiċċaqalqu l-kameras mill-*boardroom* il-qadima għal ġdida. Il-kamra l-ġdida għandha bżonn tiġi attrezzata sabiex tkun adattata għall-użu l-ġdid tagħha. Il-Kunsilliera qablu li jsir li hemm bżonn biex din il-kamra tkun adattata.

## 18. 10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

**18.10.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-18 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 18. 11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;

**18.11.01** Il-laqgħa ntemmet fid-8:45 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 19 ta' ta' Novembru fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, il-Ħamis 29 ta' Ottubru 2020.

**FFIRMATA**
Dr Daniel Attard
Sindku

**FFIRMATA**
Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv